**L-uniku biċ-ċoqqa**

L-uniku biċ-ċoqqa
Biha dejjem idur,
Daqqa jħaffef il-pass
Għandu ż-żmien w għadu fjur.

L-uniku biċ-ċoqqa
Miegħu xxerred demgħa,
U jekk tkun irrabjat
l-imrar fik jinħema;

Għidlu jqarrek waħda
jisma' tiegħek l-uġiegħ,
u tara kif tħossok
ġej f'tiegħek minnufih.

L-uniku biċ-ċoqqa
Fil-kju man-nies riekeb,
Fil-karozza tal-linja
Mal-oħxon u n-niexef.

"L-uniku biċ-ċoqqa!"
Jikkummenta l-għajjur,
Għax fih hemm il-ħsara
Tal-ilsien kampjun il-ksur.

L-uniku biċ-ċoqqa
Għalkemm wisq iweġġgħuh,
Ikun pront jaħfrilhom
Għalkemm għaċ-ċajt jwaqqgħuh.

Hekk il-ħajja għażiż
Tagħti bil-ward dejjem,
X'jibqagħlek fiċ-ċoqqa?
Mhux paċi li żżejjen?

Bit-tbissima ħelwa
Bi mħabba ta' qroqqa,
Li tiġbor l-uliedha:
L-uniku biċ-ċoqqa.

Patri Mario Attard OFM Cap
5 ta' Mejju 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.